# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.16

## ĦTIĠIET DWAR STANDARDS U PRATTIKA DWAR KIF GĦANDHOM IKUNU RAPPURTATI TRAĠEDJI FIX-XANDIR

22 ta' Marzu, 2007

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 259 ta' l-2007.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar Standards u Prattika dwar Kif Għandhom ikunu rappurtati Traġedji fix-Xandir. Titolu.

**1.** Daħla

1.1 L-Awtorità tax-Xandir approvat dawn il-ħtiġiet biex iservu, skond kif jgħoddu, ta' għajnuna għax-xandara tat-televiżjoni u tar-radju fir-rappurtaġġ ta' traġedji fix-xandir.

1.2 Dawn il-ħtiġiet dwar Standards u Prattika saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Il-Vittma

2.1 Meta jkun hemm traġedja, il-ġrajja tolqot l-ewwelnett lill-vittma u lill-qraba/ħbieb tagħha. Malli l-aħbar toħroġ, tolqot direttament l-udjenza.

2.2 Meta x-xandara jħabbru traġedja, għandhom iżommu quddiem għajnejhom li minkejja l-valur ta' l-aħbar tal-ġrajja, hemm fin-nofs persuna jew persuni li jistħoqqilhom ikunu ttrattati b'rispett u dinjità.

2.3 L-ebda konsiderazzjoni oħra ma għandha tisboq dak ir-rispett jew dinjità li jridu jidhru fil-mod kif tintwera it-traġedja.

2.4 Ma għandhomx jintwerew mill-qrib vittmi li weġġgħu jew mietu sakemm ma jkunx hemm xi raġuni serja li tkun tinħtieġ dan.

2.5 Ma għandhomx fil-biċċa l-kbira jintwerew mill-qrib, ġrieħi li ġarrbu l-vittmi.

2.6 Għandha tingħata attenzjoni biex ma jkunx hemm tnikkir żejjed fuq il-konsegwenzi fiżiċi tat-traġedja.

2.7 Għandu jintqies xieraq li l-bniedem jitħalla jmut fil-privat u biss f'ċirkostanzi rari li x-xandara juru waqtiet intimi tal-mewt stess.

2.8 Ir-rispett għad-dinjità tal-vittma jitlob li l-ġurnalisti ma jispekulawx b'nuqqas minn kulma hu xieraq jew b'mod sensazzjonali dwar:

i. il-kawża tat-traġedja;

ii. l-istat tal-vittma qabel it-traġedja;

iii. kif setgħet seħħet it-traġedja;

iv. kull fattur ieħor li ma jkunx debitament verifikat.

**3.** Il-Qraba

3.1 F'ċerti każi mar-rispett għad-dinjità tal-vittma għandhom jintqiesu wkoll il-qraba u l-ħbieb.

3.2 Għandhom jintqiesu b'mod speċjali u privat il-jeddijiet ta' l-imnikkta.

3.2.1 Ma għandhom b'ebda mod jiġġiegħlu jbatu aktar mill-meħtieġ.

3.2.2 Ma għandhomx jiġġiegħlu jagħtu intervisti.

3.2.3 Għandu jintalab il-kunsens tagħhom jekk ikunu ser jiġu ffilmjati fis-swali ta' xi sptar, waqt il-funerali u f'xi postijiet oħra ta' niket. Dan jgħodd ukoll għal meta l-qraba u l-ħbieb jinsertaw ikunu fil-post fejn saret it-traġedja.

3.2.4 Ma għandu jkun hemm ebda ndħil żejjed fil-privatezza tal-qraba u tal-ħbieb speċjalment bl-użu ta' mikrofoni jew kameras moħbija.

3.2.5 Għandha fuq kollox tkun evitata t-tbatija li jisimgħu b' aħbarijiet traġiċi mill-mezzi tax-xandir. Għaldaqstant ix-xandara għandhom joqogħdu attenti biex ma jikxfux l-identità tal-vittma sakemm ma jkunux żguri li l-qraba diġà kienu infurmati.

3.3 Programmi msawra bl-għan ewlieni li jeżaminaw ġrajjiet mgħoddija ta' traġedji għandhom jagħmlu minn kollox, meta jirrakkuntaw kif seħħet l-istorja, biex inaqqsu kemm jista' jkun it-tbatija li jħossu l-vittmi ħajja jew qrabathom.

3.4 Vittmi li baqgħu ħajja wara disgrazzja kif ukoll qrabathom li l-esperjenza tagħhom tkun ser tixxandar f'xi programm, għandhom ikunu avżati, sakemm hu prattikament possibbli, bil-programm imfassal u bil-ħsieb ta' meta l-progamm ser jixxandar. Jekk dan ma jsirx jista' jintqies li seħħ ksur mhux mixtieq tal-privatezza, ukoll jekk il-ġrajjiet jew l-informazzjoni mxandra, kienu fl-imgħoddi ġà saru pubbliċi.

**4.** It-Telespettatur

4.1 It-telespettatur għandu l-jedd għal rappurtaġġ ġust ta' storja msawra tajjeb bla ma jkollu jsofri sensazzjonaliżmu fqir.

4.2 Ix-xbihat li jintwerew fuq it-televiżjoni jista' jkollhom impatt qawwi ħafna. Filwaqt li x-xandara ma għandhomx joqogħdu lura milli juru ġrajjiet traġiċi u l-konsegwenzi tagħhom, iridu jqisu sewwa l-għażla tal-kliem użat biex jaraw li jaqbel tajjeb max-xeni. Dawk ix-xandara li joqogħdu fuq il-ġudizzju editorjali tagħhom għandhom jagħrfu tajjeb l-impatt li materjal bħal dan jista' jħalli fuq l-udjenza.

4.3 Irid jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa li toħroġ il-verità u l-periklu li l-udjenza titlef is-sensittività għat-traġedja. Meta fil-bullettini ta' l-aħbarijiet fuq it-televiżjoni jintwera x'seħħ fi ġrajjiet traġiċi ma għandux wieħed joqgħod jisħaq żejjed fuq in-niket kbar li t-traġedja ġġib magħha.

**5.** Verifika tal-Fatti

5.1 Il-verifika tal-fatti għandha importanza kruċjali fil-għoti ta' l-aħbarijiet, l-aktar fir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet traġiċi.

**6.** Suwiċidji

6.1 Is-suwiċidju ma għandux jissemma ħlief f'ċirkostanzi straordinarji. Importanti ħafna li jinħarbu detttalji ta' suwiċidji meta jkun hemm xi aspett ġdid li jista' jkun ikkupjat. Wieħed irid ukoll joqgħod attent għall-kliem li jagħżel biex jiddeskrivi l-ġrajja.

**7.** It-Tfal

7.1 Ix-xandara għandhom jagħtu każ fuq kollox id-djugħfija tat-tfal.

7.2 Irridu naraw li t-tfal ma għandhomx jitilfu l-jedd għall-privatezza tagħhom minħabba fi ġrajjiet traġiċi marbuta mal-ġenituri jew ma' l-iskola tagħhom.

7.3 Irridu noqogħdu attenti li ma nabbużawx mill-bluha u l-fiduċja tat-tfal biex niġbru aktar tagħrif dwar it-traġedja.

7.4 Ma għandhomx isiru mistoqsijiet lit-tfal dwar ħwejjeġ privati tal-familja kif lanqas ma għandhom jintalbu jgħidu kif jaħsbuha fejn ħilithom ma twassalx biex jagħtu tweġiba xierqa.

7.5 Qabel ma t-tfal taħt it-18-il sena jkunu intervistati fuq ħwejjeġ ta' ċerta importanza, jinħtieġilhom il-kunsens tal-ġenituri jew ta' dawk li jkunu qed jagħmluha ta' ġenituri tagħhom. Jekk dan il-kunsens ma jingħatax jew ikun fil-fatt rifjutat l-intervista tista' biss tkun ġustifikata sakemm l-interess pubbliku tat-traġedja jitlob tabilħaqq il-ħtieġa tad-dehra tat-tfal.

7.6 Bl-istess mod, tfal taħt it-18-il sena mdaħħla fi traġedji ma għandhomx ikunu identifikati fi programmi ta' investigazzjonijiet mill-pulizija jew fejn qed jittieħdu proċeduri legali.

7.7 Minkejja dak kollu li jista' jintqies aċċettabbli għal raġunijiet tas-siwi ta' aħbar u l-jedd pubbliku għall-aċċess tat-tagħrif, ċerti sitwazzjonijiet, l-aktar dawk mimlija dmija, xeni li jkexkxu u oħrajn tat-twerwir li jistgħu jimpressjonaw, ma għandhomx jixxandru qabel id-9.00p.m.

**8.** Punti Oħrajn

8.1 Ġrajjiet traġiċi ma għandhomx jiġu sfruttati għal raġunijiet politiċi, skopijiet oħra jew xi aġenda moħbija.

8.2 Ix-xandara ma għandhomx iħallu lil min jipprova jisfrutta s-sitwazzjoni għall-finijiet tiegħu, kemm jekk attur, istituzzjoni u xi ħaddieħor għall-interess personali.

8.3 Billi t-traġedja għandha siwi ta' aħbar għall-pubbliku u mhux għal xi aġenzija speċifika, l-informazzjoni ma għandhiex tintuża minn dawn ta' l-aħħar biex iġġibhom 'il quddiem jew jiggwadanjaw minnha.

**9.** Għeluq

9.1 Għandu jkun biss l-interess pubbliku li joħloq l-eċċezzjoni għal dawn ir-regoli ta' mġiba.

9.2 Filwaqt li dan li jidher hawn fuq jirreferi b'mod ġenerali għax-xandir televiżiv, japplika wkoll, fejn hu rilevanti, għall-mezz tar-radju.